MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 192/2014

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Elsatif Karen**
**ID 74886 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici 'ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija tnejn u hamsin ewro u sitta u hamsin centezmu (€552.56c) in konnessjoni ma' servizz ta' telefon u servizz ta' internet in konnessjoni mas-servizz 21221774 (AC40178635).

Illi ‘nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1275/13, u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 ta’ Gunju, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew pprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. A sa Dok. D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija tnejn u hamsin ewro u sitta u hamsin centezmu (€552.56c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------